

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

336/25

10/05/2025

Ukrajna/Russja: Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem I-Unjoni Ewropea dwar l-appell għal waqfien mill-ġlied

L-UE tibqa' soda fl-impenn tagħha għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna, ibbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u dritt internazzjonali u tilqa' l-isforzi kollha biex tinkiseb din il-paċi.

Ningħaqdu mal-Ukrajna u mas-sħab internazzjonali, inkluż l-Istati Uniti, fl-appell għal waqfien mill-ġlied sfiż u mingħajr kundizzjonijiet ta' mill-inqas 30 jum. Din il-pawża fl-ostilitajiet tista' sservi bħala pass vitali lejn it-tnaqqis tat-tbatija ċivili u tippermetti spazju għal taħditiet sinifikattivi għal paċi ġenwina mmirata lejn it-tmiem tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u r-restawr ta' paċi komprensiva, ġusta u dejjiema.

Bħalma ġara fil-passat, issa huwa f'idejn ir-Russja li turi r-rieda tagħha li tikseb il-paċi.

Din id-dikjarazzjoni kienet appoġġata minn parteċipanti oħra mhux tal-UE fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE f'Lviv fid-9 ta' Mejju: Il-Moldova, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, l-Ukrajna u r-Renju Unit.

L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, ir-Repubblika tal-Moldova, is-Serbja u l-Ukrajna jallinjaw ruħhom ma' din id-dikjarazzjoni.

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press